## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 789/2023: **IL-PULIZIJA (SPETTUR JONATHAN RANSLEY) V. PHONG THANH NGUYEN (P.V. P00613660)**

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Phong Thanh Nguyen ("l-imputat") ta 48 sena, mwieled il-Vjetnam, nhar it-13 ta Jannar 1975, iben Van Bong Nguyen u Ngoc Diep Thi Nguyen, residenti Msida u detentur tal-passaport Vjetnamiż bin-numru P00613660 u ċioe talli nhar l-05 ta Ottubru 2023 bejn is-07:30am u t-08:30am ġewwa l-Identity Malta Agency, Triq il-Wied, Msida:

1. **Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagh tagħrif falz (Art 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

2. **Għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali (Art 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, meta l-imputat tressaq taħt arrest huwa wieġeb li kien ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih,

wara li rat li l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatu ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk irid jerġa' lura minnha u dan wara li jkollu l-opportunita li jikkonsulta mill-ġdid mal-avukat tiegħu,

wara li rat illi l-imputat kkonferma li kien qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tiegħu għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih,

wara li rat li l-Prosekuzzjoni ma kelliex provi xi tressaq dwar it-tieni imputazzjoni u li l-imputat għażel li ma jixhidx u lanqas li jressaq provi,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti qieset illi l-imputat għamel ammissjoni bikrija u kif ukoll illi l-fedina penali tiegħu hija waħda nadifa.

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Artikolu 188 u 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih, tilliberah mit-tieni imputazzjoni li hija waħda alternattiva għall-ewwel waħda, u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' sitt (6) xhur sospiża għal sentejn liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu operattiv tagħha l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |